# XBIEHA MITLUFA

Taf int bil-ġnejna fej' ix-xemx titnikker
u dwarha jonfħu l-bews l-ogħna-t-irieħ,
ġnejna sabiħa tfewwaħ b'ward il-hena,
ġnejna ħemdija rieqda fil-mistrieħ?

Ħlomt qatt fis-sikta ta' xi lejl imqammar
bl-għanja mitfija ta' fawwara mdejqa
u xtaqt li twelli sehmek fe' did-dinja
ħa' takbad dlonk tal-għanja s-sbejħa trejqa?

Hemm ġnejna sew fil-qalba t'art tfuliti
fejn inti, ħija, le ma tista' tmur,
għax tgħib ix-xemx u tiskot il-fawwara,
għax jitlef lewnu taħt nifsejk il-fjur.

Hemm waħda sew fil-qalba t'art twelidi
fej' lejl u nhar issib tagħna t-tfajliet
li bosta qalbhom twegħdet lil l-imħabba,
'ma ġġarfet ħolmthom qabel xej' ma nbniet.

Xi ħadd fl-imgħoddi waqqaf ħde' l-fawwara
xbieha ta' tfajla tkewwes bil-baħbuħ.
—Min-naħa 'rħilu l-ilma jidħol safi,
mill-oħra 'rħilu mniġġes jerġ' għall-ftuħ.

U t-tfajliet tagħna ssibhom dwar ix-xbieha,
u t-tfajliet hemm jeqfulek imnikktin,
l-għanja jissemmgħu tal-fawwara mdejqa,
dwarha mimduda, ħiemda, għajjenin.

Xbieha mitlufa, waħdek qalb il-ħdura
tal-ħass li bih iż-żmien ilu jgħattîk,
xbieha ħosbiena, waħdek qe'd titliegħeb,
liema twiddiba siekta taħbi fik?

**Ros. Briffa.**

Marzu, 1929.